



# EESC Info

European Economic and Social Committee

A bridge between Europe and organised civil society

February 2023 | MT

## [The Grassroots View - It-3 Sta?un, Episodju 25 – Ewropa di?itali: bejn regolamentazzjoni u innovazzjoni](#)

**L-innovazzjoni diġitali għandha s-setgħa li tittrasforma l-industriji, is-soċjetajiet u l-ħajja tagħna. Tista' wkoll tkun ta' theddida jekk ma tkunx regolata kif suppost. F'dan l-episodju ta' The Grassroots View, aħna nieħdu kont tat-trasformazzjoni diġitali fl-Ewropa. L-UE fejn tinsab meta mqabbla mal-bqija tad-dinja? X'inhuma l-isfidi u l-opportunitajiet li għandna quddiemna? Kif tista' l-Ewropa tiżgura u żżomm pożizzjoni kompetittiva, u fl-istess ħin tissalvagwardja d-drittijiet u l-benesseri tal-poplu tagħha?**

Nesploraw il-kwistjonijiet u nfittxu tweġibiet ma' **Tanya O'Carroll**, esperta fit-teknoloġija u d-drittijiet tal-bniedem, **Jennifer Baker**, ġurnalista bbażata fi Brussell li tispesjalizza fit-teknoloġija, il-politika u l-leġiżlazzjoni diġitali, u l-membri tal-KESE **Gonçalo Lobo Xavier** (Grupp ta' Min Iħaddem), direttur ġenerali fil-Konfederazzjoni tal-Intrapriżi tal-Portugall (APED), **Franca Salis-Madinier** (Grupp tal-Ħaddiema), viċi-president tal-Osservatorju tat-Tranżizzjoni Diġitali u tas-Suq Uniku tal-KESE, u **Giuseppe Guerini** (Grupp tal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili), president tal-Konfederazzjoni Ewropea tal-Kooperattivi Industrijali u tas-Servizzi. (tk)

Available Languages:

ES	BG	CS	DA	EN	DE	ET	FR	EL	GA	HR	IT	LV	LT	HU	MT
NL	PL	PT	FI	RO	SK	SL	SV								

EDITORJAL



## Editorjal

### **Sena ta' gwerra fl-Ukrajna**

Fl-24 ta' Frar 2022, meta bdiet il-gwerra fl-Ukrajna, aħna fil-KESE mill-ewwel ikkundannajna l-invażjoni mhux ġustifikata u mhux provokata tal-Ukrajna mill-gvern Russu.

Tul din l-aħħar sena esprimejna s-solidarjetà tagħna mal-poplu Ukren f'diversi modi, u tlabna li jittieħdu azzjonijiet kemm fil-livell tal-UE kif ukoll dak nazzjonali. Jien kburi bil-Kumitat u bil-ħidma kbira tiegħu biex jivvaluta l-konsegwenzi tal-gwerra fuq il-poplu u n-negozji Ukreni u Ewropej u kif l-aħħar jiġu appoġġjati l-Ukrajna u s-soċjetà ċivili tagħha.

Adottajna żewġ riżoluzzjonijiet b'saħħithom u t-tielet waħda għandha tiġi adottata fil-plenarja ta' Frar. L-ewwel riżoluzzjoni, li għaddiet f'Marzu 2022, kienet tikkonċerna l-impatt ekonomiku, soċjali u ambjentali tal-gwerra. It-tieni riżoluzzjoni, li għaddiet f'Ġunju, kellha l-għan tħares 'il quddiem billi tiffoka fuq l-għajnuna ta' wara l-gwerra u r-rikostruzzjoni tal-Ukrajna. B'mod partikolari, il-KESE appella lill-UE biex tagħti status ta' kandidat lill-Ukrajna – deċiżjoni li l-Kunsill ħa ftit jiem wara. Ftaħna wkoll il-bibien tagħna għar-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili Ukreni, bħal Promote Ukraine, bi spazju għall-uffiċċji u appoġġ loġistiku u amministrattiv.

Il-gwerra fl-Ukrajna ser tibqa' prijorità ewlenija għall-Ewropa. Nittamaw li dalwaqt se nkunu nistgħu nibdew naħdmu fuq ir-rikostruzzjoni tal-Ukrajna, li trid tkun sostenibbli, trasparenti, ekoloġika u diġitali. Għall-irkupru se jkun jeħtieġ involviment ġenwin tal-imsieħba soċjali u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili oħrajn.

Minkejja n-niket, id-dwejjaq, ir-rabja u l-uġiġħ, li jeħtieġ li jinstemgħu u jkunu rikonoxxuti, inħossni profondament emozzjonata nara s-saħħa tal-poplu Ukren, nara t-tama, il-kuraġġ u r-reżiljenza tagħhom. Rajna wkoll lin-nies, lin-negozji u

lill-komunitajiet madwar l-Ewropa juru l-appoġġ u s-solidarjetà tagħhom għall-poplu tal-Ukrajna.

Fid-dibattitu fil-plenarja tagħna ta' Jannar, Roberta Metsola, il-President tal-Parlament Ewropew, iddikjarat: "Bla heda, l-Ukrajna qed tiġġieled għad-demokrazija, il-libertà u l-ġustizzja. U tiġġieled għalina wkoll". Naqbel kompletament. L-Ewropa tista' tkun sikura biss jekk l-Ukrajna tkun ħielsa u demokratika.

**Christa Schweng**  
**President tal-KESE**

# DATI TAD-DJARJU

28 ta' Frar 2023, Brussell

## Konferenza tal-Partijiet Interessati tal-Ekonomija Ċirkolari

1-3 ta' Marzu 2023, Brussell

## Ġranet tas-Soċjetà Ċivili 2023

22-23 ta' Marzu 2023, Brussell

## **Sessjoni plenarja tal-KESE**

23-24 ta' Marzu 2023, Brussell

## L-Ewropa Tiegħek, Leħnek 2023



## DRITT GĦALL-PUNT

Fil-kolonna tagħna "Dritt għall-punt", tlabna lil **Stoyan Tchoukanov** jenfasizza elementi importanti tal-Opinjoni dwar ir-Reviżjoni tad-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi. (ehp)



## STOYAN TCHOUKANOV: “ESA?ERAJNA WISQ FIR-RIGWARD TAT-TNI?IS”

**Permezz tal-Opinjoni tiegħu, Il-KESE jistieden lill-istituzzjonijiet Ewropej biex jibdew jindirizzaw l-ilma bħala prijorità u jiżviluppaw “Patt Blu tal-UE”: sforz radikali biex jiġu antiċipati l-ħtiġijiet, jiġu ppreservati r-riżorsi tal-ilma, u biex l-isfidi relatati jiġu ġestiti b’mod adegwat permezz ta’ pjan direzzjonali komprensiv u kkoordinat.**

L-ilma nadif huwa wieħed mill-aktar riżorsi prezzjużi li għandna. Huwa kruċjali għall-funzjonament tal-ekosistemi u għas-soċjetà tagħna, kif ukoll għall-attività soċjoekonomika. Mill-2022, meta għadd ta’ studji xjentifiċi sabu għall-ewwel darba mikroplastiki fil-fluss tad-demem tal-bniedem u fil-ħalib tas-sider, il-ħtieġa għal azzjoni urġenti u deċiżiva ma baqgħetx tiġi ikkontestata. It-tniġġis qabeż il-limiti, iżda ma nafux kemm esagerajna, u l-għarfien tagħna dwar dan is-suġġett għadu biss fi stadju bikri.

Id-Direttiva proposta dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi hija kostruttiva ħafna u strutturata sew. Hija għandha l-potenzjal li taġġorna r-regoli tal-UE billi tindirizza s-sorsi li fadal ta’ ilma mormi mhux trattat u s-sustanzi niġġiesa ġodda, kif ukoll ittejjeb l-aspetti tal-enerġija u tal-ekonomija ċirkolari tat-trattament tal-ilma mormi f’konformità mal-Patt Ekoloġiku u d-diġitalizzazzjoni tal-Ewropa.

Il-proposta testendi l-kamp ta’ applikazzjoni tad-Direttiva sabiex jiġu koperti agglomerazzjonijiet minn 1 000 ekwivalenza ta’ popolazzjoni li jfisser li bliet żgħar se jkunu obbligati wkoll jiġbru u jittrattaw l-ilma urban mormi, u jistgħu jfittxu finanzjament mill-UE biex jagħmlu dan.

Il-KESE jappoġġja bil-qawwa l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta’ min iniġġes iħallas sabiex tiġi żgurata l-affordabbiltà tas-servizzi tal-ilma u jiġi kopert il-kost tat-tneħħija ta’ mikrosustanzi niġġiesa mill-ilma mormi. L-ilma tax-xeba’ urban u t-tifwir tad-drenaġġ huma hotspot għat-tniġġis, inklużi ġeni ta’ reżistenza antimikrobika, residwi farmaċewtiċi, u sustanzi tossiċi li joħolqu riskju għall-organiżmi akwatiċi u għas-saħħa tal-bniedem, u għandhom jinġabru u jiġu trattati sew qabel ma jiġu skarikati fl-ilma riċeventi.

Permezz tal-Opinjoni tagħna, nistiednu lill-istituzzjonijiet Ewropej biex jinkludu l-ilma mormi f’viżjoni akbar, u biex jibdew jindirizzaw l-ilma bħala prijorità u jiżviluppaw “Patt Blu tal-UE”: sforz radikali biex jiġu antiċipati l-ħtiġijiet, biex jiġu ppreservati r-riżorsi tal-ilma u biex l-isfidi relatati jiġu ġestiti b’mod adegwat permezz ta’ pjan direzzjonali komprensiv u kkoordinat, li jstabbilixxi miri u azzjonijiet ambizzjużi marbuta ma’ stadji importanti miftiehma.

# “MISTOQSIJA WA?DA LIL...”



## “Mistoqsija lil...”

F’din l-edizzjoni, staqsejna lil **María del Carmen Barrera Chamorro** dwar aspekt ieħor tal-kwistjoni taħraq tal-enerġija, li konna diġà ddiskutejna x-xahar li għadda.

**María del Carmen Barrera Chamorro**, membru tal-KESE, hija l-awtur ta’ rapport ġdid dwar il-politika tal-enerġija u s-suq tax-xogħol. (ehp)



## Maria del Carmen Barrera Chamorro: tranżizzjoni tal-enerġija għas-servizz tal-impjegi

**KESE Info: X’inhu l-impatt tat-tranżizzjoni tal-enerġija fuq l-impjegi fir-reġjuni li għaddejjin mit-tranżizzjoni u l-KESE kif jipponili jindirizza dan l-impatt?**

**Maria del Carmen Barrera Chamorro:** S’issa l-esperjenzi kienu varjati ferm, b’xi suċċessi u ħafna fallimenti. Iżda huwa assolutament importanti li jiġi żgurat is-suċċess tat-tranżizzjoni tal-enerġija fir-rigward tal-impjegi. Mingħajr garanziji ta’ impjeg sostenibbli, protezzjoni soċjali u appoġġ għan-negozji għat-tranżizzjoni, mhux se jkun hemm futur kompetittiv u b’saħħtu fl-Ewropa.

Il-KESE jemmen li l-pjani territorjali ta’ tranżizzjoni tal-enerġija għandhom ikunu akkumpanjati minn arranġamenti jew ftehimiet adatti għal

konsultazzjoni soċjali ġusta li fihom il-ħolqien, iż-żamma u s-salvagwardja ta' impjieg sostenibbli u ta' kwalità tajba u l-appoġġ tan-nies huma kundizzjonijiet meħtieġa fit-tfassil, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-miżuri previsti, anke fir-rigward tal-fondi riċevuti għall-promozzjoni tat-tranżizzjoni tal-enerġija.

Hemm bżonn ukoll li l-politiki dwar is-suq tax-xogħol jiġu integrati aħjar fil-leġiżlazzjoni u l-politiki ambjentali u dwar l-enerġija, u li jiġu offruti inċentivi għal impjieg sostenibbli u ta' kwalità tajba. Se jkun hemm bżonn fondi biex jiġu kondiviżi l-ispejjeż tal-proċessi ta' ristrutturar temporanju jew permanenti u l-programmi ta' taħriġ mill-ġdid professjonali biex tittejjeb l-impjegabbiltà f'ekonomija dekarbonizzata.

Dan għandu jiġi appoġġjat b'politiki ta' benesseri soċjali, b'hal garanziji għal aċċess universali għas-servizzi tal-enerġija, introjtu ta' sostituzzjoni, introjtu minimu adegwat, eċċ. L-integrazzjoni ta' dawn il-politiki, fil-qafas tal-pjan ta' żvilupp tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, għandha dejjem isseħħ permezz tad-djalogu soċjali u n-negożjar kollettiv.

Politiki ta' investment pubbliku u privat u ta' kumpens soċjali aktar b'saħħithom huma essenzjali wkoll fid-dawl tal-effetti negattivi fuq il-kompetittività tal-intrapriżi u l-SMEs tal-UE, kif ukoll fuq l-aktar unitajiet domestiċi vulnerabbli.

Fl-aħħar, għandna bżonn politika ta' koeżjoni mġedda li tagħti prijorità lir-rabtiet reċiproċi bejn it-tranżizzjoni tal-enerġija, is-swieq tax-xogħol u l-iżvilupp reġjonali. Dan jeħtieġ mekkaniżmi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni dwar l-użu tajjeb tal-fondi sabiex jissaħħaħ ir-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u tal-imsieħba soċjali.

---

## AQTA' MIN HI L-PERSUNA MISTIEDNA?



### Il-mistieden sorpri?a

**Tetyana Ogarkova**, ġurnalista u esejista Ukrena, speċjalista fil-letteratura, tgħix fi Kiev. Fl-2022, b'hal parti mill-ħarġa speċjali tagħna dwar l-Ukrajna, kienet l-ewwel mistiedna tagħna li spjegat it-traġedja tal-gwerra f'pajjiżha. Illum, fi Frar 2023, sena wara t-tifqigħa tal-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, hija taqsam magħna l-ħsibijiet tagħha dwar l-esperjenza ta' din is-sena ta' mewt u tbatija u l-impatt dejjiemi tagħha fuq ir-ruħ kollettiva tal-Ukreni.



## Tetyana Ogarkova: “Il-jum tar-reb?a se ji?i u mhu se jidher xejn b?at-23 ta’ Frar”

Fl-24 ta’ Frar 2022, il-ħajja ta’ miljuni ta’ Ukreni nqalbet ta’ taħt fuq. Illum, meta ngħidu l-kelma “rebħa”, nimmaġinaw li dan il-jum se jkun bħal kwalunkwe jum qabel. Fi kliem ieħor, jum normali, jum ta’ paċi, jum bħat-23 ta’ Frar 2022.

Iżda le. Għalina, qatt mhu se jerġa’ jkollna 23 ta’ Frar. Għalina qatt mhu se jerġa’ jiġi jum li jixbah il-jiem ta’ qabel.

Imxejna maġenb oqbra fil-foresta ta’ Izioum, fir-reġjun ta’ Kharkiv. Żorna rħula bħal Kamianka jew Dolyna, bejn Izioum u Sloviansk, li jevokaw film post-apokalittiku, fejn jgħixu madwar għaxar persuni fil-fdalijiet ta’ djarhom mingħajr ilma jew elettriku. Ħarisna f’għajnejn omm Volodymyr Vakoulenko, awtur tal-kotba tat-tfal li nqatel mir-Russi fir-raħal tiegħu ta’ Kapitolivka, ħdejn Izioum. Damet ix-xhur sa ma sabet il-ġisem tiegħu. Rajna r-rovini ta’ Sviatohirsk u qbiżna bil-qtajja’ meta smajna l-ispjużjonijiet fil-belt meħlusa ta’ Kherson, li r-Russi baqgħu jibbumbardjaw waqt li aħna konna ninsabu fuq ġewwa tal-mużew tal-arti, li l-kollezzjonijiet tiegħu nsterqu mill-okkupanti.

Kif nistgħu nimmaġinaw li kollox jerġa’ lura għat-23 ta’ Frar quddiem dawn l-immaġnijiet li qatt ma jistgħu jintesew? “Hawnhekk imsaħt id-demmi tat-tfal tiegħi”, qaltilna mara anzjana hi u turina t-taraġ ta’ dar privata fir-raħal ta’ Bezrouky, fir-reġjun ta’ Kharkiv. In-neputija tagħha ta’ 8 snin u bintha ta’ 38 sena nqatlu hawnhekk f’temp ta’ sekonda minn mina Russa, f’jum sabiħ tas-sajf tal-2022. It-tifla kienet qed aqra ktieb. Kienet iġġib marki tajbi l-iskola.

Ir-rebħa? Jekk, fit-23 ta’ Frar 2022, konna urejna, bħal f’film, dak kollu li kien hemm imħejji għalina, ċertament konna nibqgħu ċċassati, saħansitra pparalizzati bit-terror, u probabbilment mingħajr kapaċità li nieħdu azzjoni. Madankollu, għadejna minn din l-ewwel sena ta’ gwerra, jum wara jum, billi rduppjajna bla waqfien l-isforzi tagħna. Ċivili u militari, irġiel u nisa, żgħar u kbar. Dawn huma persuni ordinarji li wrew il-kapaċità tagħhom li jwettqu affarijiet straordinarji. Uħud għamlu dan billi pparteċipaw fil-mobilizzazzjoni avolja ma kinux obbligati jipparteċipaw.

Oħrajn billi ħallsu t-taxxi u billi jum wara jum taw aktar biex jappoġġjaw l-armata. Oħrajn iddedikaw il-ħin liberu tagħhom għal diversi attivitajiet volontarji, mill-insiġ tax-xbieki tal-camouflage sal-produzzjoni ta’ xemgħat għat-trunċieri. It-tfal marru l-iskola, fejn il-korsijiet ġew interrotti mill-air raids, u ż-żgħażaġħ marru l-università minkejja l-qtugħ tal-elettriku.

Ħadd ma jaf x’inhu ġew għalina. Nafu biss li se nkomplu nimxu ‘l quddiem, kollha flimkien, jum wara jum, lejn ir-rebħa. Għax nafu sew x’se jiġrilna jekk inċedu. L-oqbra ta’ Izioum ikunu fi Kiev. Il-belt ta’ Lviv tiġi bbumbardjata bħal Kherson. L-istazzjon nukleari ta’ Khmelnytskyi tkun fil-mira bħal dik ta’ Zaporijjia. Nafu dan kollu għax rajnieh kollu b’għajnejna.

U malli nagħliqu għajn m'għajn, se naraw dejjem l-uċuħ ta' dawċ li qatt mhuma se jarawh jum ir-rebħa. Iryna Tsvila, ħabiba tagħna minn Brovary li tant kienet tħobb il-ward fil-ġnien tagħha, marret armata għall-ġlied fl-24 ta' Frar u mietet jumejn wara hi u tiddefendi 'l Kiev. Mykola Rachok, student tiegħi tal-letteratura li tant kien iħobb il-karozzi u r-rumanzi tal-avventura, miet waqt il-ġlied qrib Pokrovsk f'Lulju 2022. Roman Barvinok, il-vjolonista, li daqq il-mużika ta' Vivaldi quddiem il-palazz presidenzjali fir-rebħiegħa tal-2020, miet fuq il-front tal-Lvant f'Awwissu 2022. Nista' nsemmi ħafna oħrajn. Għexieren ta' eluf ta' oħrajn.

Il-jum tar-rebħa se jiġi u mhu se jidher xejn bħat-23 ta' Frar 2022. Iżda x'm'aħniex lesti li nagħmlu biex noqorbu lejħ dak il-jum?

## Grazzi lill-mistednin tagħna tal-2022

Hekk kif qed noqorbu lejn l-ewwel anniversarju tal-aggressjoni fuq skala kbira Russa kontra l-Ukrajna, nixtiequ nringrazzjaw lill-ġurnalisti, kittieba u fotografi minn madwar l-Ewropa li matul l-ewwel sena tal-gwerra qasmu magħna l-istejjer u t-testimonjanzi tagħhom: **Nadija Afanasieva, Vitaly Portnikov, Olga Czaiko, Tetyana Ogarkova, Olena Abramovych, Olga Vegera, Vasyl Kushmus, Kostas Onisenko, Marta Barandiy, Jowita Kiwnik, Slawek Kaminski.** (ehp)



## A?BARIJET TAL-KESE



## Metsola taqbel ma' Schweng: Il-kompetittività tal-UE qed issir importanti aktar minn qatt qabel

**Fis-sessjoni plenarja ta' Jannar tal-KESE, il-membri tal-KESE ddiskutew ir-rispons tal-UE għall-isfidi ġeopolitiċi ma' Roberta Metsola, President tal-Parlament Ewropew. Hija qablet mal-President tal-KESE Christa Schweng li l-kompetittività, flimkien ma' aktar awtonomija strateġika, huma kruċjali fiż-żminijiet diffiċli ta' bħalissa.**

Is-Sinjura **Metsola** faħħret lill-poplu Ukren għar-reżistenza qalbiena tiegħu għall-aggressjoni Russa, u enfasizzat li l-Unjoni Ewropea ngħaqdet aktar minn qatt qabel biex tipprovdi assistenza finanzjarja, umanitarja u militari lill-Ukrajna. Hija qalet li: “L-Ukrajna qed tiġġieled għad-demokrazija, għal-libertà u għall-ġustizzja. U qed tiġġieled għalina wkoll”.

Fir-rigward tat-30 anniversarju tas-suq uniku, hija enfasizzat l-importanza tal-kompetittività: “Jeħtiġilna nirritornaw għat- tkabbir u nnaqsu d-dipendenzi tagħna, filwaqt li nintensifikaw it-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali. L-Ewropa għandha tisfrutta l-punti b'saħħithom tagħha u tiżgura li l-politika kummerċjali attiva tagħna kull jum toffri benefiċċji lill-Ewropej”.

Fil-fehma tal-President tal-KESE **Christa Schweng**, dawn l-aspetti huma essenzjali għall-prosperità tan-nies u tan-negozji fl-UE: “Dan huwa mument deċiżiv, u huwa biss permezz ta' sforzi kkoordinati li nistgħu nibnu b'suċċess futur aktar reżiljenti, ġust u sostenibbli li fih ħadd ma jitħalla jibqa' lura”.

Id-diskussjoni ffukat ukoll fuq ir-rispons tal-UE għall-fatturi ekonomiċi esterni bħall-Att dwar it-Tnaqqis tal-Inflazzjoni tal-Istati Uniti, il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, u l-volatilità tal-prezzijiet tal-fjuwils fossili, u l-isfidi interni bħan-nuqqas ta' forza tax-xogħol b'ħiliet li l-Ewropa qed tesperjenza bħalissa.

Id-dibattitu enfasizza li s-soċjetà ċivili għandha rwol kruċjali x'taqdi biex jittejbu l-politiki tal-UE u l-mod kif dawn jiġu implimentati, u li l-Ewropej jixtiequ jkollhom influwenza akbar fl-UE, kif intwera matul il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa. (mt)



## Il-Presidenza Żvediża tal-Kunsill 2023: L-Ukrajna għadha fil-quċċata tal-ażenda

**Il-garanzija tas-sigurtà għall-Ewropej u d-difiża tal-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali: il-miżuri ta' ġestjoni tal-kriżijiet se jkunu l-prijoritajiet ewlenin għall-livveżja, li se jkollha l-presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea minn Jannar sa Ġunju 2023.**

Waqt dibattitu plenarju fil-25 ta' Jannar 2023, il-president tal-KESE **Christa Schweng** wiegħdet l-appoġġ sħiħ tal-Kumitat għall-presidenza: “Dan huwa żmien ta' sfida inkredibbli li wieħed jieħu f'idejha il-presidenza, peress li l-UE qed tesperjenza gwerra ħarxa fil-fruntieri tagħha. Il-KESE jilqa' dawn il-prijoritajiet fil-kuntest tal-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, peress li m'għandniex inħallu s-sigurtà tagħna jew il-valuri tagħna jiġu affettwati. Aħna nappoġġjaw l-Ukrajna.”

**Jessika Roswall**, il-Ministru Żvediż għall-Affarijiet tal-UE, qalet li l-Presidenza Żvediża qieset il-kooperazzjoni mill-qrib ma' istituzzjonijiet u korpi oħra tal-UE, inkluż il-KESE, bħala ta' importanza kbira u tistenna bil-ħerqa li tibqa' f'kuntatt mill-qrib u iżomm diyalogu miftuħ magħhom.

Hija u ssemmi l-oġġla prijorità tal-presidenza, saħqet li “l-livveżja qed tieħu l-presidenza fi żmien ta' sfidi storiċi għall-Unjoni. Il-gwerra brutali ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna se tkompli tiddomina l-aġenda Ewropea”.

Il-Presidenza Svediża se taħdem biex iżomm l-għaqda Ewropea u tagħmel l-Unjoni aktar ekoloġika, aktar sigura u aktar ħielsa, billi tiffoka fuq:

- Is-sigurtà
  - Il-kompetittività
  - It-tranżizzjoni ekoloġika u dik enerġetika
  - Il-valuri demokratiċi u l-istat tad-dritt. (mp)
-



## Is-suq uniku g?andu jservi lin-nies, u mhux bil-maqlub

**Sabiex ifakkar it-30 anniversarju tas-suq uniku tal-UE din is-sena, il-KESE ospita dibattitu mal-Kummissarju Margrethe Vestager waqt is-sessjoni plenarja ta' Jannar, biex jiġu diskussi modi kif tista' tingħeleb dik li tista' tkun l-akbar sfida għall-ġenerazzjoni li jmiss.**

Is-suq uniku huwa meqjus b'mod ġenerali li huwa l-akbar kisba tal-UE. Madankollu, il-kriżijiet attwali, bħat-tibdil fil-klima, il-COVID-19 u l-gwerra fl-Ukrajna, urew il-vulnerabbiltà tiegħu minħabba t-tfixkil mhux previst. Kif niksbu t-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali fl-UE mingħajr ma niksru l-prinċipji tas-suq ħieles u nagħmlu ħsara lill-kompetittività tan-negozji Ewropej? Il-Kummissjoni fasslet pjan biex tindirizza dawn il-kwistjonijiet li se tvarah fi Frar.

Fil-plenarja tiegħu ta' Jannar, il-KESE ssuġġerixxa modi speċifiċi kif jista' jiġi żviluppat aktar is-suq uniku, u rrankomanda li fl-istess ħin għandu jkun hemm enfasi fuq il-kompetittività tal-Ewropa. Il-President tal-KESE **Christa Schweng** qalet: "Ewropa kompetittiva biss tista' toħloq prosperità u benesseri, kif ukoll toffri soluzzjonijiet sostenibbli għall-problemi klimatiċi u ambjentali. Huwa fundamentali li n-negozji tal-UE jingħataw ambjent favorevoli sabiex ikunu jistgħu jinnowaw, jinvestu u jinnegozjaw, kif ukoll li jkun hemm kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fir-rigward tal-kompetituri barranin".

Il-Viċi President Eżekuttiv tal-Kummissjoni Ewropea **Margrethe Vestager** tirrikonoxxi li l-UE jeħtieġ li tkompli taħdem fuq is-suq uniku, u fakkret li "l-Ewropa kienet tkun post kompletament differenti li kieku tletin sena ilu ma nħoloqx is-suq uniku".

Wieħed mill-elementi ewlenin tad-dibattitu kien il-kwistjoni tal-għajnuna mill-Istat għall-irkupru ekonomiku u għat-tranżizzjoni doppja. Hemm biża' dejjem tikber li din it-tip ta' għajnuna se tpoġġi lill-ekonomiji ż-żgħir u lill-kummerċ globali f'riskju jekk ma tkunx limitata għal stimolu għal terminu qasir.

Id-dibattitu ngħalaq bi stqarrijiet mill-President tal-Grupp tal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili tal-KESE **Séamus Boland**, mill-President tal-Grupp tal-Ħaddiema tal-KESE **Oliver Röpke**, u mill-membru tal-Grupp ta' Min Iħaddem **Felipe Medina**. (tk)

---



## In-Network għall-Iżvilupp Sostenibbli jwissi dwar ir-riskju ta' "deżennju mitluf għall-Aġenda 2030"

**Dibattitu li sar fil-KESE fl-24 ta' Jannar wera li l-UE qed tonqos milli tilħaq l-oġġettivi tal-Aġenda 2030 tan-NU. Madankollu, għad hemm tama. L-UE għandha l-opportunità li tiegħu rwol ta' tmexxija, inkluż permezz ta' appoġġ finanzjarju. Il-KESE għandu rwol importanti fil-monitoraġġ tal-progress.**

Waqt il-plenarja ta' Jannar, il-KESE ospita dibattitu ma' **Guillaume Lafortune**, Viċi President tan-Network ta' Soluzzjonijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU (UN SDSN), dwar l-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs).

Is-**Sur Lafortune** ppreżenta r-[Rapport dwar l-Iżvilupp Sostenibbli tal-Ewropa 2022](#), li tfassal bl-appoġġ tal-KESE. Skont is-**Sur Lafortune**, l-UE mhux qed tilħaq l-oġġettivi. Fl-istess ħin, il-progress qed imur lura madwar

id-dinja, u b'mod partikolari, il-pajjiżi li qed jiżviluppaw li jaffaċċjaw restrizzjonijiet ta' finanzjament, għadhom lura.

Ir-rapport jirrakkomanda li l-UE tappoġġja, fl-ambitu tan-Nazzjonijiet Uniti, sistema għal pjan globali sabiex jiżdied il-finanzjament internazzjonali għall-SDGs. Il-President tal-KESE **Christa Schweng** tenniet din l-idea billi enfasizzat fuq l-importanza li l-UE jkollha rwol ta' tmexxija fil-kisba tat-trasformazzjonijiet globali.

Il-KESE se jkollu wkoll rwol fundamentali fl-Ewwel Rieżami Volontarju tal-Kummissjoni Ewropea li huwa previst f'Lulju 2023, billi se jiġbor il-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati fir-rigward tal-progress fil-qasam tal-SDGs. Il-KESE rrakkomanda approċċ trasversali fir-rigward tal-għanijiet, billi titqies in-natura interrelatata tal-SDGs u l-miri rispettivi tagħhom, u ppropona t-tnedija ta' pjattaforma ġdida biex jitravwem l-involviment strutturat tas-soċjetà ċivili dwar il-politika relatata mal-SDGs. (gb)



## L-UE g?andha tipprojbixxi l-prodotti tax-xog?ol furzat u tiddefendi d-drittijiet tal-bniedem

**L-UE għandha tiġġieled kull forma ta' xogħol furzat u ssir mexxejja dinjija fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem, ħeġġeġ il-KESE f'Opinjoni adottata fis-sessjoni plenarja tiegħu ta' Jannar.**

Fil-Opinjoni tiegħu "[Projbizzjoni tal-prodotti ta' xogħol furzat](#)", imfassla minn **Thomas Wagnsonner**, il-Kumitat jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea li tipprojbixxi l-prodotti magħmula bl-użu ta' xogħol furzat mis-suq tal-Unjoni, u jenfasizza li huwa kruċjali għall-Istati Membri kollha tal-UE li jirratifikaw il-Protokoll tal-2014 għall-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Furzat tal-1930 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol.

Il-KESE jinnota bi pjaċir ukoll li l-proposta tinkludi l-ġlieda kontra t-tħaddim tat-tfal furzat, u jitlob lill-Kummissjoni biex tħaffef dal-proċess billi tinkludi konvenzjonijiet eżistenti tal-ILO dwar it-tħaddim tat-tfal fil-

kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament.

**Is-Sur Wagnsonner** qal: "Il-promozzjoni tad-drittijiet ekonomiċi, soċjali, kulturali u tax-xogħol u għalhekk il-qerda tal-forom kollha ta' xogħol furzat u tal-isfruttament hija kruċjali biex tiġi żgurata t-tmexxija globali tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija b'mod partikolari".

Għall-prevenzjoni tax-xogħol furzat, il-KESE jenfasizza l-importanza tal-kooperazzjoni internazzjonali u l-ankraġġ istituzzjonali fil-proposta l-ġdida tal-Kummissjoni, u jirrakkomanda linji gwida sabiex jassistu lill-kumpaniji, bażi tad-data speċifika b'indikaturi ta' riskju u sistema ta' parametri referenzjarji. (mp)



## Il-kri?i tal-prezzijiet tal-enerġija: L-UE g?andha tappo??ja lill-konsumaturi u lin-negozji

**Ir-rispons tal-UE għall-kriżi tal-prezzijiet tal-enerġija għandu jkollu l-għan li jiproteġi lill-unitajiet domestiċi u lin-negozji kollha li qed jiffaċċjaw problemi kbar biex iħallsu l-kontijiet tal-enerġija tagħhom. Dan kien il-messaġġ ewlieni tal-Opinjoni tal-KESE dwar Il-politika ekonomika taż-żona tal-euro 2023 adottata waqt il-plenarja tiegħu ta' Jannar.**

Il-KESE jappoġġja l-proposta f'żewġ livelli tal-Kummissjoni Ewropea biex tiproteġi lil dawg l-aktar vulnerabbli: sa ċertu livell ta' konsum tal-enerġija, il-konsumaturi vulnerabbli se jħallsu taħt il-prezz tas-suq.

Madankollu, il-Kumitat iwissi li din il-politika għandha tkopri kemm lill-persuni taħt il-linja tal-faqar kif ukoll lil dawk fin-naħa t'isfel tal-klassi medja, li wkoll isibuha diffiċli biex iħallsu l-kontijiet tal-enerġija tagħhom skont il-prezzijiet tas-suq.

Ir-relatur tal-Opinjoni, **Petru Sorin Dandea**, qal: “Ix-xitwa tal-2022 u l-2023 ħolqot problemi kbar fl-Unjoni. Biex verament tippoteġi d-djar vulnerabbli mill-kriżi tal-prezzijiet tal-enerġija, il-politika fuq żewġ livelli tal-Kummissjoni trid tkun inklużiva”.

Sabiex jiġi evitat l-għeluq tal-attivitajiet tan-negozju, il-KESE jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni li l-Istati Membri għandhom jagħmlu użu mill-Qafas Temporanju ta' Għajnuna mill-Istat għall-kriżijiet u jħeġġiġhom jużaw il-mezzi kollha possibbli biex jgħinu, b'mod partikolari, lill-intrapriżi żgħir u ta' daqs medju.

Biex irażżan iż-żieda fl-inflazzjoni, il-Bank Ċentrali Ewropew uża l-għodod tal-politika monetarja, iżda din tista' tirnexxi biss jekk tkun ikkoordinata mal-politika fiskali tal-pajjiżi taż-żona tal-euro. (mp)



## L-UE għandha tiffoka fuq il-kooperazzjoni internazzjonali biex tippoteġi l-oċeani

**Żieda fil-kooperazzjoni internazzjonali hija essenzjali biex l-oċeani jsiru sostenibbli sal-2030 u jiġu żgurati s-sigurtà u s-sikurezza fuq il-baħar, jgħid il-KESE f'[Opinjoni](#) ġdida adottata fis-sessjoni plenarja tiegħu ta' Jannar.**

Minħabba l-komplessità tagħha, il-governanza tal-oċeani ma tistax titqies bħala purament “affari marittima”, iżda teħtieġ approċċ multidixxiplinarju u integrat li jappoġġja lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fil-livelli kollha.

L-impatt tal-bniedem fuq l-oċeani spiss joriġina f'attivitajiet ibbażati fuq l-art. Proporzjon sinifikanti tat-tniġġis tal-baħar ġej mir-rilaxx ta' skart, pestiċidi, antibijotiċi, fosfati u plastiks, biex ma nsemmux il-kwistjoni ta' munizzjon mhux splodut.

Skont il-KESE, ir-rwol tal-UE bħala leġiżlatur u bħala attur internazzjonali li jsaħħaħ in-networks u s-sħubijiet huwa essenzjali, u partijiet interessati differenti għandhom ikunu involuti b'mod effettiv u trasparenti f'kull pass tul il-proċess.

“L-UE għandha rwol ewlieni fl-isforzi biex tappoġġja l-oċeani, iżda l-pajjiżi kollha jridu jagħtu sehemhom: b'hekk biss il-ġenerazzjonijiet il-ġodda jkunu jistgħu xorta jsejġu l-pjaneta tagħna Pjaneta Blu,” qal ir-rapporteur tal-Opinjoni **Stefano Palmieri**.

Sabiex tikseb in-newtralità tal-karbonju sal-2050 u s-sostenibbiltà sal-2030, l-UE għandha tiffoka fuq it-teħid ta' miżuri biex tissalvagwardja l-benessri tal-ambjent tal-baħar u tippoteġi l-istokkijiet tal-ħut, li t-tnejn huma vitali għal ħafna komunitajiet. (mp)



## Is-sigurtà tmur lil hinn mid-difi? a

**Fis-sessjoni plenarja tiegħu ta' Jannar, il-KESE ddiskuta l-viżjoni tal-“Boxxla Strateġika” tal-UE għas-sigurtà u d-difiża, u argumenta li s-sigurtà għandha tinftiehem b’mod wiesa’, ferm lil hinn mid-difiża militari. Is-soċjetà ċivili m’għandhiex tkun passiva fil-kwistjonijiet ta’ sigurtà: fiż-żminijiet ta’ kriżi, jista’ jkollha rwol stabilizzanti kif intwera mill-gwerra fl-Ukrajna.**

F’Opinjoni fuq inizzjattiva proprja dwar [Il-Boxxla Strateġika tal-UE](#) il-KESE tkellem dwar il-ħtieġa għal definizzjoni usa’, peress li l-kunċett attwali ta’ sigurtà fl-UE huwa ristrett wisq. “Is-sigurtà tmur lil hinn minn sempliċi difiża militari. Fi żminijiet ta’ theddid kumpless u ibridu, il-kunċett tas-sigurtà għandu jiġi estiż biex jinkludi l-aspetti tal-enerġija, it-trasport, il-qasam diġitali, is-sigurtà tal-ilma u tal-ikel, is-sigurtà taċ-ċittadini u l-interferenza barranija,” qal **Christian Moos**, ir-relatur għall-Opinjoni tal-KESE.

L-Opinjoni targumenta li, b’mod parallel mal-kapaċità nazzjonali, l-ippjanar tad-difiża u l-akkwist konġunt, l-UE għandha tkompli tinvesti ir-riżorsi limitati tagħha f’politiki u mekkaniżmi ċivili sabiex tipprevjeni l-kunflitti. Dan huwa fejn is-soċjetà ċivili tista’ tagħmel differenza, permezz tan-networks soċjali u ekonomiċi tagħha, flimkien mal-potenzjal qawwi tagħha għad-diplomazija pubblika u kulturali.

It-tfiġġija mill-ġdid tal-gwerra fl-Ewropa bl-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna swiet bħala twissija għar-relazzjoni tal-UE man-NATO.

“L-UE u n-NATO sa issa għadhom ma sfruttawx bis-sħiħ il-potenzjal tal-kooperazzjoni tagħhom. It-tisħiħ tal-pilastru Ewropew tas-sigurtà u tad-difiża jfisser it-tisħiħ tan-NATO. Meta qed nitkellmu dwar spinta lill-kapaċitajiet ta’ difiża tal-UE, mhijiex kwistjoni li nikkompetu man-NATO iżda li nikkomplementawha,” qal ir-relatur u membru tal-KESE **Peter Clever**. (mt)



## L-istrateġija l-?dida tal-UE g?all-kura hija test de?i ?iv tal-Ewropa so?jali

**Il-KESE laqa’ l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea għal strateġija Ewropea komprensiva għall-kura li għandha tiggarrantixxi lill-Ewropej kollha l-possibbiltà li jirċievu kura tas-saħħa u servizzi tal-kura ta’ kwalità għolja matul ħajjithom.**

Il-KESE faħħar il-proposti tal-Kummissjoni għal Strateġija Ewropea għall-Kura bħala pass importanti biex tintlaħaq struttura ta’ kura aċċessibbli u affordabbli fl-Ewropa li tissodisfa l-ħtiġijiet ta’ dawk li jirċievu l-kura minn età tat-twelid sa dawk anzjani u tappoġġja lill-fornituri kollha tal-kura jkun xi jkun l-istatus tal-impjeg tagħhom.

Fl-[Opinjoni](#) adottata fis-sessjoni plenarja ta’ Jannar, il-KESE għamel diversi rakkomandazzjonijiet dwar l-istrateġija u ż-żewġ proposti tagħha, jiġifieri

l-proposti dwar l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal (ECEC) u dwar il-kura fit-tul, adottati mill-Kunsill f’Diċembru.

Il-KESE tenna wkoll is-suġġeriment tiegħu li titnieda Garanzija Ewropea għall-Kura. B’mod simili għall-Garanzija għaż-Żgħażagħ tal-UE, dan l-istrument jgħin biex jiżgura kura tas-saħħa u servizzi ta’ kura ta’ kwalità għal kull min jgħix fl-UE. Tindirizza wkoll id-defiċits fil-kura u tippromovi kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti għall-persuni li jindukraw, kemm dawk b’mod formali kif ukoll dawk b’mod informali.

“Barra li tkun disponibbli, aċċessibbli u affordabbli, aħna nsostnu wkoll li l-kura għandha tkun inklużiva, sostenibbli u bbażata fuq id-drittijiet tal-bniedem. Il-kura ta’ kwalità għolja għal kulħadd għad mhijiex realtà għal ħafna fl-Ewropa,” qalet ir-relatur tal-Opinjoni **Kinga Joó**.

L-Opinjoni tenfasizza l-ħtieġa li tingħata prijorità lill-affordabbiltà u lill-kontinwità tas-servizzi tal-kura b’reazzjoni għax-xokkijiet attwali marbuta mal-gwerra fl-Ukrajna, il-kriżi tal-enerġija u l-kriżi tal-għoli tal-ħajja. Tappella għal finanzjament adegwat għas-settur tal-kura u biex l-Istati Membri jiżguraw li l-impjegji fis-settur tal-kura jkunu attraenti u mħallsa u vvalutati kif suppost.

“L-approċċ segwit fl-Opinjoni tagħna jikkondividi t-tħassib li ressqu l-atturi tas-soċjetà ċivili. Huwa bbażat fuq l-ideal proprju ta’ Ewropa soċjali. Aħna nenfasizzaw ukoll ir-rwol tal-Istati Membri, peress li huma l-pilastru ewlieni fl-istrateġija tal-kura. Jekk ma nikkonvincuhomx li għandhom jieħdu responsabbiltà għall-kwistjonijiet elenkati u jekk mhux se jimlew il-lakuni fis-sistemi nazzjonali tagħhom, mhux se navvanzaw ħafna bl-istrateġija,” qalet il-korelatur **Zoe Tzotze-Lanara**.

Ir-rakkomandazzjonijiet ewlenin stabbiliti fl-Opinjoni jinkludu l-appoġġ lill-familji fir-rwol fundamentali tagħhom fil-kura, l-immappjar rapidu tal-ħtiġijiet u r-realtajiet tal-persuni li jindukraw il-familja u tal-persuni li jindukraw b’mod informali, it-tilħiq tal-bilanċ bejn il-ġeneri u l-ugwaljanza fis-setturi tal-kura formali u tal-kura informali, u protezzjoni aħjar tad-drittijiet tal-ħaddiema kollha fis-settur tal-kura, irrispettivament mill-istatus ta’ migrazzjoni u residenza tagħhom. (II)

# A?BARIJET MILL-GRUPPI

## Il-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku: ?idma li g?adha mhijiex kompluta u li g?andha twassal g?al A?enda g?all-Kompetittività



### **Minn Stefano Mallia, President tal-Grupp ta' Min Iħaddem tal-KESE**

Il-proposta tal-Kummissjoni mhijiex kompluta u jeħtieġ li tkun parti minn viżjoni fit-tul għal Aġenda għall-Kompetittività.

Fl-1 ta' Frar 2023, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat l-ewwel tweġiba għall-pakkett bla preċedent dwar il-klima tal-President tal-Istati Uniti Joe Biden, l-Att dwar it-Tnaqqis tal-Inflazzjoni (IRA), li jappoġġja l-industrija Amerikana permezz ta' rekord ta' USD 369 biljun f'sussidji. Il-proposta twieġeb għal ħafna aspettattivi – qafas regolatorju prevedibbli, aċċess għall-finanzjament, forza tax-xogħol b'ħiliet adegwati u aġenda kummerċjali miftuħa. Madankollu, wara valutazzjoni primarja, l-impjegaturi tal-UE jaqblu li din hija pjuttost ħidma li għadha mhijiex kompluta jekk irridu niksbu kompetittività fit-tul.

L-ewwel u qabel kollox, ma rridux ninsew il-parti l-oħra tat-tranżizzjoni ekoloġika: it-tranżizzjoni diġitali.

It-tieni, jeħtieġ li jiġi rrimarkat li s-sussidji waħedhom mhumiex biżżejjed. Il-problema reali li toħloq l-IRA mhijiex biss l-ammont ta' sussidji, li fil-fatt

huma inqas minn dak li joffru l-baġit u l-fondi differenti tal-UE, iżda pjuttost it-taħlita ta' sussidji u prezzijiet baxxi tal-enerġija fl-Istati Uniti. Huma dawn it-tnejn flimkien li jagħmlu l-IRA pakkett problematiku għall-Ewropa. Flimkien ma' din it-taħlita hemm il-produttività relattivament baxxa tal-industriji tal-UE, u tabilħaqq qed niffaċċjaw sitwazzjoni perikoluża ħafna għall-ekonomija Ewropea. Is-sussidji diġà qasmu lill-pajjiżi tal-UE u li fl-aħħar se jwasslu għall-frammentazzjonijiet tas-suq uniku, kompetizzjoni dannuża, u se jdgħajfu l-iżvilupp reġjonali.

It-tielet, il-pjan tal-Kummissjoni jidher li huwa bbażat fuq approċċ antikwat li jikkonsisti li ssir għażla tat-temi li se jkunu ta' suċċess ("pick the winner" approach). Dan l-approċċ jagħti ħjiel ta' xenarju li fih dawk li jfasslu l-politka jistabbilixxu miri għall-kapaċità industrijali, abbażi ta' analiżi speċifika għas-settur, iqisu l-ktajjen tal-provvista u tal-valur kollha, għalhekk jiddeterminaw liema negozji għandhom jiffavorixxu sabiex jingħataw appoġġ regolatorju u finanzjarju. It-terminu "settur teknoloġija nadifa" diġà huwa arbitrarju, peress li t-

tranżizzjoni ekoloġika se ssewv fis-setturi kollha u f'kull tip ta' negozju.

Kulħadd jaf il-problema vera x'inhi: il-kompettività. Hemm fteġa urġenti li nerġgħu nkunu kompetittivi u t-tranżizzjoni lejn l-ekonomija ekoloġika tipprovdi lna opportunità bħal din. Iżda l-kompettività u l-ħolqien tal-impjiegi għandhom isiru stil ta' ħajja u għandhom ikunu ċentrali għat-tfassil tal-politika tagħna. Huwa għalhekk li l-impjegaturi tal-UE qed jipromovu Aġenda għall-Kompettività.



## [Djalogu soċjali b'saqqtu g'al Ewropa ?enwinament soċjali](#)

**by the EESC Workers' Group**

**The EESC Workers' Group warmly welcomes the [social dialogue initiative](#) recently published by the European Commission. It sends a strong signal to EU workers and citizens who are currently faced with a serious cost-of-living crisis.**

Agreements between the social partners on fair wages and working conditions can be strong mitigating measures against the effects of inflation on working families, as they were during the pandemic when collective bargaining across Europe made short-time working arrangements, teleworking and health and safety protocols possible, and paved the way for a fairer recovery.

That is why social dialogue and collective bargaining are the backbone of the European social model and a basic element of democracy and sustainable economic growth and should be preserved as such.

However, social dialogue is far from being a reality everywhere in Europe, as in a number of Member States the social partners lack organisational capacity, and newer forms of employment such as platform work are less likely to be represented. The share of workers covered by collective agreements at national level has declined significantly in the past decades.

The European Commission's initiative is therefore warmly welcomed as a step in the right direction, although more clarity will be needed as regards the role of the Member States in establishing binding mechanisms for the involvement of the social partners. (mg)



## Ni?viluppaw il-?iliet biex is-suq tax-xog?ol ikun miftu? g?al kul?add

**minn Ioannis Vardakastanis, Viċi President tal-Grupp tal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjeta' Ċivili tal-KESE**

**Is-Sena Ewropea tal-?iliet għandha tkun opportunità biex jitneħħew id-differenzi - sena li fiha jiġu indirizzati l-ostakli li jxekklu ħafna fl-UE milli jirnexxielhom isibu impjeg ta' kwalità u għas-sodisfazzjoni tagħhom. Fi żmien meta l-forza tax-xogħol tal-UE qed tonqos, huwa aktar importanti minn qatt qabel li ssir enfasi biex jiġi sfruttat il-potenzjal ta' dawk li ta' spiss jinqatgħu mis-suq tax-xogħol miftuħ, billi ninvestu fil-?iliet.**

Fl-iżvilupp tal-?iliet biex jikkorrispondu mal-ħtiġijiet tas-swieq tax-xogħol ta' bħalissa u fil-futur naturalment se jkollha titqies id-diġitalizzazzjoni dejjem tikber tal-ekonomiji tagħna. Dan ifisser li jitnaqqas id-distakk fil-?iliet diġitali, mhux l-inqas għal gruppi bħal dawk tal-persuni b'diżabilità u l-anzjani li għadhom attivi fis-suq tax-xogħol. Fis-soċjetajiet moderni tagħna, il-litteriżmu diġitali mhuwiex biss għodda li tgħin lill-persuni jsibu posthom fis-suq tax-xogħol, imma huwa wkoll prerekwiżit għal għajxien indipendenti u ħaġa li ħadd m'għandu jkun imċaħħad minnha.

Madankollu, il-promozzjoni tal-?iliet biex l-ekonomiji tagħna jibqgħu validi fil-futur m'għandhiex tiddependi żżejjed mill-kompetenzi diġitali. Is-sena Ewropea tal-?iliet għandha tkun ukoll pjattaforma għall-promozzjoni tal-importanza u l-valur tal-impjegi fis-setturi tekniċi, manwali u vokazzjonali. Il-?iliet meħtieġa f'dawn is-setturi ġew sottovalutati għal żmien twil wisq, l-istess bħall-funzjonijiet kruċjali li jaqdu fis-soċjetajiet tagħna. Bit-tranżizzjoni ekoloġika li tiffirma pedament tal-pjan ta' azzjoni tal-UE għat-trasformazzjoni tal-ekonomija tagħna fis-snin li ġejjin, hemm ħtieġa partikolari għal għarfien espert tekniku u manwali biex tiġi implimentata trasformazzjoni reali. Biex jinkiseb dan, ħafna ħaddiema se jkollhom bżonn jitħarrġu mill-ġdid, u hawnhekk għandha tinħataf l-opportunità biex jintlaħqu wkoll persuni tipikament esklużi mis-suq tax-xogħol u jiġu żviluppati l-?iliet tagħhom.

---

## SOON IN THE EESC/CULTURAL EVENTS



## Ġranet tas-Soċjetà Ċivili 2023

**Il-Ġranet tas-Soċjetà Ċivili ta' din is-sena se jitfgħu dawl fuq ir-rwol fundamentali tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-iżgurar u s-salvagwardja kemm tal-koeżjoni soċjali kif ukoll ta' demokrazija reżiljenti fl-Ewropa.**

L-Ewropa qed tiffaċċja sfidi urġenti u mingħajr preċedent: gwerra fit-territorju tagħha, l-irkupru mill-kriżi tal-COVID, kriżi radikali tal-enerġija, iżda wkoll ħafna theddid ieħor għall-mudell demokratiku tagħha f'dinja dejjem aktar diġitali u li qed tinbidel malajr. L-avveniment se jindirizza t-theddid eżistenzjali u li qed iqum mill-ġdid għall-valuri demokratiċi f'konversazzjoni miftuħa u inklużiva, u matulu se jiġu diskussi mistoqsijiet bħal:

- X' nistnew mid-demokrazija parteċipattiva u deliberattiva fil-futur?
- Kif nistgħu niddemokratizzaw l-ekonomija Ewropea?
- Kif għandha tiġi ffinanzjata s-soċjetà ċivili?
- Id-drittijiet diġitali xi jfissru għa' l-ittadini?
- X' iliet għandna b'onn biex intejbu l-parteċipazzjoni demokratika?

Ingħaqad magħna fil-KESE u ħu sehem fid-dibattitu mal-partijiet interessati u l-istituzzjonijiet Ewropej dwar ir-rwol kruċjali li għandha s-soċjetà ċivili organizzata bħala aġent tal-bidla biex tingħeleb din il-kriżi.

Għal aktar informazzjoni u biex tirreġistra agħfas [hawn](#). Segwina fuq twitter @EESC\_LiasonG #CivSocDays.



## L-istudenti jilgg?u lill-membri tal-KESE fit-t?ejjija g?all-Ewropa Tieġ?ek, Le?nek

**Il-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew qed iżuru ħamsa u tletin skola fl-Istati Membri tal-UE, u seba' pajjiżi kandidati fi Frar u Marzu biex iħejjuhom għal "L-Ewropa Tiegħek, Leħnek", l-assemblea taż-żgħażaġħ li se ssir fi Brussell nhar it-23 u l-24 ta' Marzu 2023.**

Din is-sena, l-avveniment tal-KESE għaż-żgħażaġħ "L-Ewropa Tiegħek, Leħnek" se jsir għall-14-il darba, u se jerġa' lura għall-format bil-preżenza fiżika wara waqfa ta' tliet snin minħabba l-COVID-19. Bit-titolu "Djalogi dwar id-Demokrazija maż-Żgħażaġħ", l-avveniment għandu l-għan li jgħin liż-żgħażaġħ jifhmu x'inhuma l-valuri Ewropej u xi tfisser iċ-ċittadinanza attiva f'demokrazija parteċipattiva.

Il-membri tal-KESE li jaġixxu bħala konsulenti għall-istudenti f'din inizjazzjoni għad-demokrazija rappreżentattiva tal-UE issa qegħdin fil-proċess li jżuru l-iskola magħżula f'pajjiżhom (ir-ritratt juri lill-**Viċi President tal-KESE Cillian Lohan** ma' studenti mill-iskola f'pajjiżu, l-Irlanda ).

L-istudenti ta' bejn is-16 u t-18-il sena mbagħad jiġu Brussell f'Marzu u jipparteċipaw f'sessjonijiet u gruppi ta' ħidma biex jilħqu kunsens.

Il-proposti tagħhom dwar it-trawwim tal-impenn taż-żgħażaġħ u ċ-ċittadinanza attiva mbagħad jiġu sottomessi lill-istituzzjonijiet Ewropej u lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet Ewropej ta' livell għoli.

Dan l-avveniment għaż-żgħażaġħ huwa maħsub biex iqajjem kuxjenza dwar il-mod kif gruppi b'interessi differenti jilħqu ftehimiet soċjali.

L-avveniment finali se jsir fit-23 u l-24 ta' Marzu. Il-kelliema se jinkludu:

- Il-President tal-KESE **Christa Schweng**
- Il-Viċi President g?all-Komunikazzjoni **Cillian Lohan**
- **Kira Marie Peter-Hansen, l-iżgħar politiku li qatt ġie elett fil-Parlament Ewropew** (Grupp ?odor/Alleanza ?ielsa Ewropea), vi?i-president tas-sottokumitat dwar kwistjonijiet fiskali
- **Plsmael Páez Civico**, membru tal-bord tal-Forum Ewropew ta?-?g?a?ag?
- **Themis Christophidou**, Direttur ?enerali g?all-Edukazzjoni, i?-?g?a?ag?, l-I-sport u l-Kultura fil-Kummissjoni Ewropea.

Aktar dettalji dwar #YEYS2023 jinsabu fuq is-[sit web](#). (ab)

Ewa Haczyk-Plumley (editor-in-chief)  
Daniela Marangoni (dm)

## Il-kontributuri g?al din l-edizzjoni huma

Millie Tsoumani (mt)  
Daniela Marangoni (dm)  
Daniela Vincenti (dv)  
Ewa Haczyk-Plumley (ehp)  
Giorgia Battiato (gb)  
Jasmin Kloetzing (jk)  
Katerina Serifi (ks)  
Katharina Radler (kr)  
Laura Lui (ll)  
Marco Pezzani (mp)  
Margarita Gavanis (mg)  
Margarida Reis (mr)  
Pablo Ribera Paya (prp)  
Thomas Kersten (tk)

## Koordinazzjoni globali

Agata Berdys (ab)  
Giorgia Battiato (gb)

Technical support  
Bernhard Knoblach (bk)  
Joris Vanderlinden (jv)

## Indirizz

Kumitat Ekonomiku u So?jali Ewropew  
Bini Jacques Delors, 99 Rue Belliard, B-1040  
Brussell, il-Bel?ju  
Tel. (+32 2) 546.93.96 jew 546.95.86  
Indirizz elettroniku: [eescinfo@eesc.europa.eu](mailto:eescinfo@eesc.europa.eu)

KESE info huwa ppubblikat disa' darbiet fis-sena matul is-sessjonijiet plenarji tal-KESE. KESE info huwa disponibbli fi 23 lingwa. Il-KESE Info ma tistax titqies b?ala r-rapport uffij?jali tal-?idmiet tal-KESE; g?al dawn, jekk jog??bok irreferi g?all-?urnal Uffij?jali tal-Unjoni Ewropea jew g?al pubblikazzjonijiet o?rajn tal-Kumitat. Ir-riproduzzjoni hija permessa jekk il-KESE Info jissema b?ala s-sors u tintbag?at link lill-EDITOR.

03/2023